

Brussell, 5 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10259/26

GAF 27
FIN 834

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	5 ta' Ġunju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 269 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U LILL-BANK ĊENTRALI EWROPEW dwar l-implimentazzjoni u r-riżultati tal-programm Pericles IV għall- protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar fl-2025

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 269 final.

Mehmuż: COM(2026) 269 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.6.2026
COM(2026) 269 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

**LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U LILL-BANK ĊENTRALI
EWROPEW**

**dwar l-implimentazzjoni u r-riżultati tal-programm Pericles IV għall-protezzjoni tal-
euro kontra l-iffalsifikar fl-2025**

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U LILL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

dwar l-implimentazzjoni u r-riżultati tal-programm Pericles IV għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar fl-2025

1. Ġenerali

Il-programm “Pericles IV” (“il-programm”) huwa programm ta’ skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar. Dan jissostitwixxi l-programm Pericles 2020 li kien għaddej mill-2013 sal-2020 u l-programmi Pericles li kienu għaddejjin matul il-perjodu 2002-2013. Il-programm ġie stabbilit bir-[Regolament \(UE\) 2021/840](#)⁽¹⁾. L-applikazzjoni tiegħu ġiet estiża għal Stati Membri mhux parteċipanti bir-[Regolament tal-Kunsill \(UE\) 2021/1696](#)⁽²⁾. Ir-Regolament (UE) 2021/840 jistabbilixxi d-durata tal-programm sal-31 ta’ Diċembru 2027. L-Artikolu 12(3) ta’ **dak ir-Regolament** jirrikjedi li l-Kummissjoni Ewropea tirrapporta kull sena dwar ir-riżultati tal-programm lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Bank Ċentrali Ewropew. Dan huwa r-rapport annwali għall-2025. Ir-rapport jipprovdi informazzjoni dwar l-impenji li saru u dwar l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet tal-programm fl-2025.

2. Impenji skont il-programm ta’ ħidma annwali tal-2025

Il-baġit annwali għall-implimentazzjoni tal-programm tal-2025 ġie stabbilit għal EUR 902 450. Dan ġie ffinanzjat mil-linja baġitarja VOB-2025-E.06030100 (protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar) ⁽³⁾ tal-baġit ġenerali tal-UE għall-2025. Fl-2025, ġie impenjat total ta’ EUR 902 449,47 li huwa 100 % tal-baġit totali. Il-programm huwa implimentat permezz ta’ azzjonijiet kofinanzjati (għotjiet) li joriġinaw mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u “azzjonijiet tal-Kummissjoni”, organizzati direttament mill-Kummissjoni. L-ammont tal-impenn totali jinkludi wkoll EUR 37 038 biex ikopri l-kostijiet annwali biex tintuża l-għodda eGrants, sistema ta’ ġestjoni kompletament elettronika (mingħajr karti) għall-għotjiet. Minbarra l-linja baġitarja operazzjonali, EUR 15 440,30 saru disponibbli fuq il-linja baġitarja permezz tad-dħul assenjat intern⁴ (il-linja baġitarja IAR2/2-2024-ECFIN-E.06030100) u ġew impenjati fl-2025⁽⁵⁾.

L-implimentazzjoni tal-programm mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni tirrifletti l-impenn tagħhom li jiproteġu l-euro kontra l-iffalsifikar. Id-diskussjonijiet tal-Grupp ta’ Esperti dwar

¹ Ir-Regolament (UE) 2021/840 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Mejju 2021 li jistabbilixxi programm ta’ skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar għall-perjodu 2021-2027 (il-programm “Pericles IV”), u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 331/2014.

² Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/1696 tal-21 ta’ Settembru 2021 li jestendi għall-Istati Membri mhux parteċipanti l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/840 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi programm ta’ skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar għall-perjodu 2021-2027 (il-programm “Pericles IV”).

³ VOB: approprjazzjonijiet baġitarji vvutati għall-2025.


⁴ IAR = dħul assenjat intern: Id-dħul assenjat jiġi minn ordni ta’ rkupru (ammont ritornat minn benefiċjarju lill-Kummissjoni li jirriżulta minn prefinanzjament mhux minfuq) fir-rigward tal-Artikolu 21 tar-[Regolament finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni](#).

⁵ Żewġ linji baġitarji għall-impenn għall-għotja ref. 101251502 (HECC: Konferenza tal-Munita tal-Euro ta’ Helsinki u żjara ta’ studju); EUR 31 149,70 mil-linja baġitarja tal-VOB u EUR 15 440,30 mil-linja baġitarja tal-IAR.

L-Iffalsifikar tal-Euro (ECEG) dwar l-istrateġija annwali għamluha possibbli li jiġu identifikati u indirizzati t-theddiet ewlenin u li l-baġit jiġi allokat bis-sħiħ fl-2025.

Total ta' 10 proġetti ġew iffinanzjati taħt il-programm⁽⁶⁾: ingħataw seba' għotjiet għal applikazzjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u ġew iffinanzjati tliet azzjonijiet tal-Kummissjoni. Mit-3 azzjonijiet tal-Kummissjoni, 2 ġew impenjati u implimentati fl-2025 u azzjoni waħda tal-Kummissjoni se tiġi implimentata fl-2026. L-għotjiet impenjati fl-2025 se jiġu implimentati bis-sħiħ fl-2026 u lil hinn.

Ċart I u Ċart II: Tip ta' azzjoni ffinanzjata u l-għadd ta' azzjonijiet għal kull Stat Membru (l-azzjonijiet li għalihom ittieddu impenji fl-2025, ara l-Anness I)



L-Italja u Spanja, tnejn mill-Istati Membri l-aktar affettwati mill-iffalsifikar tal-euro, reġgħu rċevew għotjiet minn Pericles fl-2025. Barra minn hekk, il-Kroazja, il-Finlandja u l-Latvja (dawn tal-aħħar tnejn huma applikanti għall-ewwel darba fil-programm) irċevew għotjiet taħt il-programm tal-2025. Dawn l-isforzi kollha jtejbju l-protezzjoni tal-euro, li huwa ta' benefiċċju għall-Istati Membri l-oħrajn kollha.

L-azzjonijiet taħt l-impenji li saru fl-2025 jikkonsistu f' 5 seminar; 4 sessjonijiet ta' taħriġ tekniku; u skambju wieħed ta' persunal.

L-azzjonijiet huma mistennija li jsiru kemm fi ħdan kif ukoll barra l-UE, skont il-ħtiġijiet speċifiċi. Sa mill-bidu tiegħu, il-programm ikkonsolida l-approċċ reġjonali tiegħu billi implimenta azzjonijiet li jinvolvu reġjuni tad-dinja li huma partikolarment importanti fil-ġlieda kontra l-iffalsifikar, bħax-Xlokk tal-Ewropa, it-Turkija u l-Amerka t'Isfel.

⁶ Ħarsa ġenerali komprensiva lejn l-azzjonijiet ta' Pericles, li għalihom ittieddu impenji fl-2025, tinsab fl-Anness I. Il-proġetti kollha ffinanzjati minn Pericles IV huma ppubblikati fuq il-[Portal tal-Finanzjament u l-Offerti tal-UE](#).

3. Implimentazzjoni ta' azzjonijiet fl-2025

Ħarsa ġenerali


Din it-taqsimha tanalizza l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet kollha ffinanzjati minn Pericles fis-sena kalendarja 2025. Għalhekk jinkludi azzjonijiet impenjati taħt il-baġits Pericles IV tal-2024⁽⁷⁾ u l-2025⁽⁸⁾.

Globalment, fl-2025, ġew implimentati 10 azzjonijiet iffinanzjati minn Pericles, inklużi:

- 8 azzjonijiet ta' għotja impenjati fl-2024: dawn l-azzjonijiet ġew implimentati minn Spanja (3 azzjonijiet), il-Portugall (2 azzjonijiet), l-Italja (2 azzjonijiet) u l-Kroazja (azzjoni waħda);
- 2 azzjonijiet akkwistati tal-Kummissjoni impenjati fl-2025.

L-azzjonijiet ta' hawn fuq jikkonsistu minn 3 skambji ta' persunal, 3 sessjonijiet ta' taħriġ tekniku, 3 seminars u xiri ta' tagħmir wieħed. Madwar 394 espert ipparteċipaw fl-azzjonijiet⁽⁹⁾.

Ċart III u Ċart IV: Oriġini u sfond professjonali tal-parteeipanti (azzjonijiet implimentati fl-2025)



Oriġini tal-parteeipanti

Il-parteeipanti ġew minn 50 pajjiż. Il-maġġoranza ta' dawk li attendew għat-taħriġ (68 %) kienu Ewropej: 40 % mill-Istati Membri fiż-żona tal-euro, 3 % mill-Istati Membri mhux fiż-żona tal-euro u 25 % minn pajjiżi terzi fl-Ewropa. Mill-bqija tal-parteeipanti, 16 % kienu

⁷ Ħarsa ġenerali komprensiva lejn l-azzjonijiet li ġew implimentati fl-2025, tinsab fl-Anness II.

⁸ Ħarsa ġenerali komprensiva lejn l-azzjonijiet ta' Pericles, li għalihom ittieħdu impenji fl-2025, tinsab fl-Anness I. Jekk jogħġbok innota li din it-taqsimha jirreferi biss għal dawk l-azzjonijiet misjuba fl-Anness I li ġew implimentati (parzjalment) fl-2025.

⁹ Stima bbażata fuq ir-rapport tekniku finali (jekk ikun diġà wasal) u fuq il-formoli ta' applikazzjoni mibgħuta mill-benefiċjarji.

mill-Amerka Latina, 9 % mill-Afrika, 6 % mill-istituzzjonijiet Ewropej, u 1 % minn reġjuni oħra.

Sfond professjonali tal-parteċipanti

Il-persunal tal-pulizija rrappreżenta 46 % tal-parteċipanti fl-2025. Din il-preżenza qawwija hija dovuta għall-fatt li l-awtoritajiet tal-pulizija jinsabu fuq quddiem nett fil-ġlieda kontra l-iffalsifikar tal-euro, u l-persunal tal-pulizija jinkludi kemm investigaturi kif ukoll persunal tekniku. L-esperti mill-banek ċentrali nazzjonali rrappreżentaw 37 % tal-parteċipanti, u b'hekk saru t-tieni l-akbar grupp, minħabba diversi azzjonijiet li ffukaw fuq il-kooperazzjoni mal-banek ċentrali nazzjonali u bejniethom. Il-persunal tal-istituzzjonijiet Ewropej (6 %), il-ġudikatura (3 %), iz-zekek nazzjonali (1 %), id-dwana (1 %) u kategoriji oħra (1 %) ipparteċipaw ukoll, u dan irrifletta firxa sħiħa ta' sfondi professjonali. Il-kors ta' taħriġ dwar it-trattament ta' muniti li mhumiex tajbin għaċ-ċirkolazzjoni attendew għalih rappreżentanti mill-industrija tal-magni tal-ipproċessar tal-muniti (5 %). Dan ikompli jafferma r-rwol tas-settur privat bħala parti interessata sinifikanti fil-ġlieda kontra l-iffalsifikar. B'hekk, l-implimentazzjoni tal-programm tissodisfa d-dimensjonijiet tranżnazzjonali u multidixxiplinari meħtieġa skont ir-Regolament (UE) 2021/840 b'livell għoli ta' diversifikazzjoni f'termini ta' sfond professjonali.

Punti ewlenin mill-2025

Il-programm irnexxielu jżomm u jsaħħaħ aktar il-kooperazzjoni internazzjonali reġjonali fix-Xlokk tal-Ewropa u fl-Amerka Latina fl-2025.

- Fis-sena 2025 ġew implimentati diversi azzjonijiet ta' Pericles li ffokaw fuq l-inkoraġġiment u ż-żamma ta' kooperazzjoni b'saħħitha fost l-awtoritajiet nazzjonali fix-Xlokk tal-Ewropa u mat-Turkija. Dan kien jinkludi (i) skambji ta' persunal organizzati mill-*Comando Carabinieri Antifalsificazione Monetaria* (CCAFM) Taljan; (ii) skambju ta' persunal organizzat mill-*Guardia di Finanza* Taljana (GdF); u (iii) sessjoni ta' taħriġ tekniku organizzata mill-Bank Nazzjonali Kroat (CNB) b'parteċipanti minn disa' pajjiżi tax-Xlokk tal-Ewropa. Dawn l-azzjonijiet inkludew ukoll żjarat ta' studju fit-Turkija, u/jew parteċipazzjoni ta' esperti mit-Turkija, li huwa pajjiż ta' prijorità ewleni peress li huwa hotspot potenzjali għall-produzzjoni u għat-tranżitu ta' flus kontrafatti tal-euro.
- Il-Brigada de Investigación del Banco de España (BIBE) ta' Spanja organizzat kors dwar l-iffalsifikar tal-munita (25-28 ta' Novembru 2025) għal esperti minn pajjiżi tal-Amerka Latina, li laqqa' flimkien lill-awtoritajiet ta' 11 pajjiżi tal-Amerka Latina fi Buenos Aires, l-Arġentina. L-azzjoni ppromwoviet miżuri għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar fil-pajjiżi tal-Amerka Latina li huma potenzjalment suxxettibbli għal dan. Barra minn hekk, l-azzjoni ssaħħaħ ir-rabtiet bejn l-uffiċċji ċentrali nazzjonali speċifiċi (NCOs) li ġew stabbiliti reċentement f'dan ir-reġjun. Il-BIBE organizzat ukoll skambju ta' persunal (bejn l-Urugwaj u Spanja) biex titqajjem kuxjenza fost l-istituzzjonijiet dwar il-ħtieġa li jiġi stabbilit NCO fl-Urugwaj, bil-ħsieb li l-informazzjoni kollha dwar l-iffalsifikar tal-munita tiġi ċentralizzata fil-livell nazzjonali.

L-implimentazzjoni tal-programm fl-2025 kienet ikkaratterizzata wkoll minn azzjonijiet li ffukaw fuq żviluppi topiċi fil-ġlieda kontra l-iffalsifikar tal-munita.

- Prijorità oħra indirizzata minn diversi azzjonijiet kienet il-ġlieda kontra klassijiet ta' kwalità għolja ta' flus kontrafatti, l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1210/2010 u t-trattament ta' munita tal-euro li ma humiex tajbin għaċ-ċirkolazzjoni. L-azzjonijiet b'dan il-fokus kienu jinkludu sessjoni ta' taħriġ dwar l-analiżi tal-munita ffalsifikati għal esperti tekniċi organizzata mill-Bank ta' Spanja (*Banco de España*) u seminar intitolat "Viżjoni Prattika dwar il-ġlieda kontra l-iffalsifikar" organizzat mill-Bank tal-Portugall (*Banco de Portugal*). Kors ta' taħriġ dwar it-titjib tad-detezzjoni ta' munita tal-euro li mhumiex tajbin għaċ-ċirkolazzjoni, organizzat bħala azzjoni tal-Kummissjoni, ġabar flimkien ukoll partijiet interessati mill-industrija tal-magni tal-ipproċessar tal-munita u ċ-ċentri nazzjonali tal-analiżi tal-munita.
- Il-prijorità tal-appoġġ għall-istabbiliment, it-tisħiħ u n-networking fost l-NCOs ġiet riflessa fi tliet azzjonijiet. Dawn jinkludu l-iskambju tal-persunal tal-BIBE msemmi hawn fuq bejn l-Urugwaj u Spanja u "seminar leġiżlattivi u ta' bini tal-istituzzjonijiet għall-protezzjoni tal-euro fl-Ukrajna". Organizzat bħala azzjoni tal-Kummissjoni, is-seminar leġiżlattivi u tal-bini tal-istituzzjonijiet fittex li jinforma lill-awtoritajiet Ukreni dwar il-qafas tal-UE għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar. Dan iffoka fuq il-bidliet leġiżlattivi u istituzzjonali li l-Ukrajna għandha tagħmel biex timplimenta l-korp tad-dritt tal-UE u d-diversi mudelli li l-Istati Membri adottaw biex jistabbilixxu l-infrastruttura rilevanti kontra l-iffalsifikar. Il-*Polícia Judiciária* Portugiża ffinalizzat l-"inizjattiva ta' bini ta' kapaċità għad-detezzjoni, l-analiżi u r-rappurtar ta' karti tal-flus tal-euro foloz mill-awtoritajiet tal-pulizija tal-Kap Verde" (Counteract). Dan kien jinkludi x-xiri tat-tagħmir meħtieġ għall-awtoritajiet tal-Kap Verde biex iwettqu investigazzjonijiet kontra l-frodi u t-taħriġ tagħhom dwar kif jużawh.

4. Monitoraġġ tal-indikaturi kwantitattivi u kwalitattivi

L-Artikolu 12(3) tar-Regolament (UE) 2021/840 jeħtieġ li dan ir-rapport iqis l-indikaturi kwantitattivi u kwalitattivi tal-programm. Il-lista li ġejja tistabbilixxi d-data dwar dawn l-indikaturi għall-2025.

1. **Għadd ta' euro kontrafatti individwati (karti tal-flus: 444 000, muniti: 335 290):** il-mira għal dan l-indikatur hija li l-għadd ta' karti tal-flus u munita tal-euro kontrafatti individwati jinżamm taħt kontroll f' medda ta' +/-5 % tal-medja għall-perjodu 2014-2020 (671 000/174 112). L-għadd ta' karti tal-flus identifikati kien aktar baxx mill-mira, filwaqt li l-għadd ta' munita qabeż il-mira. Madankollu, hemm biss rabta indiretta bejn il-programm u dawn l-indikaturi, peress li varjetà ta' fatturi esterni għandhom ukoll rwol importanti. Dawn il-fatturi esterni jinkludu l-progress li sar mill-investigazzjonijiet tal-pulizija u l-ammont ta' produzzjoni kontrafatta.
2. **Għadd ta' workshops illegali żarmati (11):** il-mira għall-għadd ta' workshops illegali żarmati hija li l-għadd jinżamm taħt kontroll f' medda ta' +/-10 % taċ-ċifra għall-2019 (22). L-għadd ta' workshops illegali żarmati fl-2025 kien inqas mill-mira

mistennija. Kif spjegat fl-indikatur 1, ir-rabta bejn il-programm u dan l-indikatur hija indiretta biss, peress li varjetà ta' fatturi esterni għandhom rwol importanti.

3. **Għadd ta' awtoritajiet kompetenti uniċi li applikaw għall-programm (11):** dan l-indikatur għandu l-għan li jkejjel l-interess mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fil-programm. Il-mira għall-2024 kienet ta' 12 u l-mira għall-2027 hija ta' 24. Filwaqt li l-għadd ta' applikanti uniċi għall-programm qiegħed jiżdied, dan għadu inqas mill-mira.
4. **Rata ta' sodisfazzjon tal-parteċipanti fl-azzjonijiet iffinanzjati mill-programm (99,64 %):** dan l-indikatur ikejjel il-kwalità tat-taħriġ kif perċepita mill-parteċipanti. Il-mira hija 75 %. Ir-rata ta' feedback pożittiv kienet ferm ogħla mill-mira.
5. **Rispons mingħand parteċipanti li diġà ħadu sehem f'azzjonijiet preċedenti dwar l-impatt tal-programm fuq l-attivitajiet tagħhom fil-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar (97,80 %):** dan l-indikatur ikejjel is-sostenibbiltà tal-azzjonijiet tal-programm. Il-mira hija 75 %. Il-perċentwal ta' feedback pożittiv kien ferm ogħla mill-mira.

5. Konklużjonijiet u t-triq 'il quddiem

Il-programm, bħall-predeċessor tiegħu, jibqa' għodda importanti u effiċjenti fil-ġlieda kontra l-iffalsifikar. Il-programm (i) jappoġġa l-istudji; (ii) iżomm u jiżviluppa l-kooperazzjoni; u (iii) jappoġġa l-iskambju tal-aħjar Prattika fost il-partijiet ikkonċernati kollha involuti fil-ġlieda kontra l-iffalsifikar tal-euro. Il-fatt li l-baġit ġie allokat kompletament fl-2025 jirrifletti l-interess tal-Istati Membri fil-programm.

Il-Kummissjoni tikkondividi regolarment ir-riżultati tal-proġetti appoġġati taħt il-programm fost l-esperti fl-ECEG. Fl-2025, saru tliet laqgħat tal-ECEG. Il-programm juri livell għoli ta' konsistenza u komplementarjetà ma' programmi u azzjonijiet rilevanti oħra fil-livell tal-UE minħabba li huwa ddedikat b'mod esklużiv għall-protezzjoni tal-euro billi jipprevjeni u jiġġielel forma speċifika ta' kriminalità organizzata: l-iffalsifikar tal-euro. Eżempji jinkludu l-istrument ta' **Assistenza Teknika u Skambju ta' Informazzjoni (TAIEX)** tad-Direttorat Ġenerali għall-Viċinat u n-Negożjati għat-Tkabbir "DĠ NEAR", li ħafna drabi jintuża b'appoġġ għan-negożjati tal-adeżjoni, u l-Fond tas-Sigurtà Interna - Pulizija⁽¹⁰⁾ tad-Direttorat Ġenerali għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni "DĠ HOME", li jkopri l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità b'mod ġenerali. Minn meta l-iffalsifikar ġie inkluż bħala waħda mill-prijoritajiet fil-pjan ta' azzjoni operazzjonali tal-**EMPACT** ⁽¹¹⁾, il-Kummissjoni ilha tikkordina mill-qrib mal-mutur tal-EMPACT sabiex timmassimizza l-komplementarjetà bejn iż-żewġ sorsi ta' finanzjament.

¹⁰ [Ir-Regolament \(UE\) 2021/1149](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jstabilixxi l-Fond għas-Sigurtà Interna (ĠU L 251, 15.7.2021, p. 94).

¹¹ Il-Pjattaforma Multidixiplinari Ewropea kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT, European Multidisciplinary Platform Against Criminal Threats) hija inizzjattiva tas-sigurtà xprunata mill-Istati Membri tal-UE biex tidentifika, tipprijoritizza u tindirizza theddidiet maħluqa mill-kriminalità internazzjonali organizzata u internazzjonali. Fl-2021, l-EMPACT saret strument permanenti, kif stabbilit fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kontinwazzjoni permanenti taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE għall-kriminalità organizzata u serja fuq livell internazzjonali. L-Istat Membru mexxej għall-prijorità tal-EMPACT li tkopri l-"kriminalità tal-proprjetà intellettwali, l-iffalsifikar ta' oġġetti u muniti" huwa l-Bulgarija.

Abbażi tar-riżultati tal-programm s'issa u tal-analiżi kontinwa tat-theddidiet emerġenti li ġew diskussi fl-ECEG, il-prijoritajiet għall-2026 huma dawn li ġejjin ⁽¹²⁾:

- l-attivitajiet ta' appoġġ li għandhom l-għan li jtejbu l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri li huma milquta b'mod partikolari mill-produzzjoni u mid-distribuzzjoni ta' flus kontrafatti;
- il-promozzjoni tal-kooperazzjoni mal-awtoritajiet ta' daww il-pajjiżi terzi fejn hemm suspett jew evidenza tal-produzzjoni ta' euro kontrafatti;
- iż-żamma ta' qafas effiċjenti għall-protezzjoni tal-euro fix-Xlokk tal-Ewropa;
- żviluppi topiċi:
 - is-sensibilizzazzjoni u l-iskambju tal-aħjar prattiki fost l-infurzar tal-liġi, il-ġudikatura u d-dwana fuq l-internet/id-darknet/il-media soċjali/l-apps taċ-chat kriptati bħala pjattaformi ta' distribuzzjoni, karti tal-flus b'disinn mibdul u karatteristiċi ta' sigurtà ffalsifikati;
 - appoġġ għall-istabbiliment, it-tisħiħ u n-networking fost l-NCOs;
 - muniti tal-euro: il-ġlieda kontra klassijiet ta' kwalità għolja ta' flus kontrafatti, l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1210/2010 u t-trattament ta' muniti tal-euro li ma humiex tajbin għaċ-ċirkolazzjoni.

¹² Il-prijoritajiet tal-programm għall-2026 huma parti essenzjali mill-programm ta' ħidma annwali, li huwa anness mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Jannar 2026 dwar il-finanzjament tal-programm Pericles IV u l-adozzjoni tal-programm ta' ħidma annwali għall-2026, C(2026) 479 final.